# RIĊERKA U STATISTIKA TA' ERBA' KAMPJUNI TA' 25 SENA MIT-TWAQQIF TAL-PARROĊĊA FL-1688 SAL-2012 DWAR IL-MAGĦMUDIJIET LI SARU FIL-PARROĊĊA

Fl-okkażjoni tal-325 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa taż-Żebbuġ, ħsibna li nippreżentaw studju ibbażat fuq erba' kampjuni ta' 25 sena, meħuda mill-ewwel 25 sena ta' kull seklu li għadda minn fuq il-Parroċċa, jiġifieri l-ewwel kampjun ta' bejn l-1689-1713, it-tieni bejn l-1788-1812, it-tielet bejn l-1888-1912 u r-raba' bejn l-1988-2012, u fihom studjajna r-rata tat-twelidijiet/magħmudijiet irreġistrati fir-Reġistri 'Liber Baptizorum' tal-Parroċċa taż-Żebbuġ.

| | | *Twelid* | *Subien* | *Bniet* | *Medja ta' twelidijiet fis-sena* |
|---|---|---|---|---|---|
| L-ewwel 25 sena: | 1689 – 1713: | 329 | 187 | 142 | 13.16% |
| It-tieni 25 sena: | 1788 – 1812: | 632 | 348 | 284 | 25.28% |
| It-tielet 25 sena: | 1888 – 1912: | 1042 | 540 | 502 | 41.68% |
| Ir-raba 25 sena : | 1988 – 2012: | 348 | 176 | 172 | 13.92% |

**Xi osservazzjonijiet...**

- L-ewwel kampjun jibda fl-1689 peress li l-ewwel Magħmudija reġistrata kienet propju fis-17 ta' Ġunju 1689 u allura ma jibdiex fis-sena tat-twaqqif tal-Parroċċa fl-1688.
- Kif wieħed jista jinnota l-ewwel kampjun u l-aħħar kampjun jixxiebħu ħafna. Infatti l-medja tat-twelid hija kważi l-istess. Dan minkejja li qed nitkellmu fuq differenza ta' bejn 300 sena!
- Il-kampjun bl-għola rata tat-twelid huwa dak ta' bejn 1888-1912 meta l-medja ta' twelidijiet fis-sena kienet ta' 42 ruħ. Infatti l-iktar snin li fihom kien hawn twelidijiet fiż-Żebbuġ kienu l-1908 meta twieldu xejn inqas minn 56 ruħ u l-1910 li fiha twieldu 54 ruħ! Imbagħad snin oħra bħall-1890, 1893 u 1895 raw 46 twelidijiet kull sena, bis-snin 1905 b'49 twelid u 1907 b'45 twelid. Naturalment hawn wieħed ma jridx jinsa li minn fost it-twelidijiet ta' din l-epoka wieħed irid inaqqas dawk it-trabi li kienu jmutu tat-twelid jew f'eta' tenera ħafna. Ir-rata tal-imwiet fost it-trabi f'dawk iż-żminijiet kienet allarmanti.
- Fit-tieni kampjun wieħed jinnota differenza kbira iżjed mis-soltu bejn is-sessi. Fil-fatt subien f'dan il-perijodu twieldu 348 u bniet 284!
- L-inqas snin li fihom twieldu tfal kienu 1689 u 1690 b'7 t'itfal, l-1691 bi 8 itfal, 1709, 2006, 2011 u 2012 b'9. Ta min jinnota li s-sena 1689 bdiet minn Ġunju (fejn hi reġistrata l-ewwel magħmudija) allura hija sena b'7 xhur biss.
- Fil-*graph* li qed nippreżentaw wieħed jista jara viżwalment il-kuntrasti u l-kambjamenti bejn l-erba' kampjuni msemmija. Il-linja vertikali (y-axis) tirrappreżenta n-numru ta' twelidijiet/ magħmudijiet, fil-waqt li l-linja orizzontali (x-axis) tirrappreżenta is-snin (25 sena ta' kull kampjun).

